MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-22 ta' Dicembru, 2010

Avviz Numru. 519/2010

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3953/10 fl-ismijiet:**

**Carmelo Caruana Company Ltd. (C-9616)**

**Vs.**

**Avantgarde Projects Limited (C-37657)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà rikorrenti Avantgarde Projects Limited permezz ta' liema titlob ir-revoka tal-Mandat ta' Sewkestru Kawtelatorju bin-Numru 3953/10 ottenut kontra taghha mis-socjetà intimata Carmelo Caruana Company Ltd., u dana billi hemm ragunijiet ghat-thassir ta' l-imsemmi Mandat ai termini ta' l-Artikolu 836(1)(b) u/jew (d) u/jew (f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. Is-socjetà rikorrenti titolb ukoll li s-socjetà intimata tigi kkundannata thallas penali ai termini ta' l-Artikolu 836(8) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u li tigi ordnata tipprezenta,

fi zmien qasir u perentorju w a spejjez taghha, il-kontro-mandat opportun ghall-Mandat Kawtelatorju imsemmi; bl-ispejjez kontra s-socjetà intimata;

Rat ir-Risposta tas-socjetà intimata permezz ta’ liema topponi ghat-talbiet tas-socjetà rikorrenti u titlob li ghandhom jigu michuda. Is-socjetà intimata tikkontendi li l-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3953/10 ghandu jinzamm fis-sehh ghaliex kontra dak pretiz mis-socjetà rikorrenti bil-hrug ta’ *cheque* mill-kont taghha favur is-socjetà intimata ghall-hlas tas-somma ta’ €1,709.19 ghan-nom tas-socjetà Avantgarde Holdings Limited, inholqot relazzjoni guridika bejnha u s-socjetà intimata, li hija ghal kollox indipendenti mir-relazzjoni guridika bejn l-istess socjetà intimata u s-socjetà Avantgarde Holdings Limited. Ghal dak li jirrigwarda t-talba ghall-imposizzjoni ta’ penali a tenur ta’ l-Artikolu 836(8) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, is-socjetà intimata tikkontendi li tali penali ma ghandhiex tigi imposta ghaliex *is-socjetà attrici* [recte: intimata] *ma kellhiex triq ohra hlief li tistitwixxi proceduri legali kontra s-socjetà intimata* [recte: rikorrenti] *sabiex tinghata dak li hu taghha, u li, fid-dawl tac-cirkostanzi, u cioè, li c-cheque ma giex onorat darbtejn u li ma kienx hemm mezz sabiex tigi stabbilita l-posizzjoni finanzjarja tas-socjetà intimata* [recte: rikorrenti], *titlob li jinhareg mandat ta’ sekwestru kawtelatorju u dan sabiex tizgura l-pagament effettiv dovut lejha*[1];

Rat id-dokumenti pprezentati mis-socjetà rikorrenti flimkien mar-Rikors taghha markati bhala Doks. “X1” sa’ “X4” a fol. 5 sa’ 8 tal-process; rat id-dokument, ossia fotokopja tac-*cheque* mahrug mis-socjetà rikorrenti, ipprezentat mis-socjetà intimata flimkien mar-Risposta taghha markat bhala Dok. “A” a fol. 15 tal-process; rat id-dokumenti esebiti mis-socjetà rikorrenti waqt is-seduta tas-16 ta’ Dicembru 2010 markati bhala Doks. “APL1” sa’ “APL6” a fol. 19 sa’ 62 tal-process; semghet ix-xhieda ta’ Joseph Vella, rapprezentant tas-socjetà rikorrenti, moghtija waqt is-seduta tas-16 ta’ Dicembru 2010[2] u rat id-dokumenti esebiti minnu, markati bhala Doks. “JV1” sa’

[1] Para. 12 tar-Risposta tas-socjetà intimata.
[2] Fol. 69 sa’ 71tal-process.

"JV3" a fol. 63 sa' 67 tal-process; u rat id-dokument Dok. "MS1" esebit a fol. 68 tal-process;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u semghet it-trattazzjoni tar-Rikors da parte ta' l-Avukati Difensuri tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri fil-qosor huma s-segwenti:

Is-socjetà Avantgarde Holdings Limited inkarigat lis-socjetà intimata tittrasportalha konsenja merkanzija mic-Cina lejn Malta. Il-merkanzija giet trasportata u mal-wasla tal-konsenja Malta s-socjetà Avantgarde Holdings Limited giet mitluba, permezz ta' fattura datata 10 ta' Marzu 2010, thallas lis-socjetà intimata s-somma ta' €1,709.19[3]. Il-hlas ta' dan l-ammont gie offrut lis-socjetà intimata permezz ta' *cheque* datat 11 ta' Marzu 2010, mahrug mill-kont tas-socjetà rikorrenti Avantgarde Projects Limited, liema *cheque* però ma ssarrafx[4].

Permezz ta' ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 31 ta' Awissu 2010, is-socjetà intimata interpellat lis-socjetà rikorrenti sabiex thallas is-somma komplessiva ta' €1,772.62 rapprezentanti l-valur ta' *demurrage* u servizzi ta' transport provduti mill-istess socjetà intimata[5]. Is-socjetà rikorrenti rrespingiet din it-talba stante li *is-socjetà Avantgarde Projects Limited ma ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjetà Carmelo Caruana Company Limited dwar in-negozju in kwistjoni;* u *f'kull kaz, ebda ammont ma hu dovut lis-socjetà Carmelo Caruana Company Limited peress illi, bi traskuragni u nuqqas ta' osservanza ta' l-obbligazzjoni kontrattwali minnha assunta, hija naqset milli ggorr u twassal il-merkanzija tas-socjetà esponenti fit-terminu miftiehem u bhala konsegwenza ta' dan in-nuqqas, is-socjetà mittenti inkorriet penali li jissupera bil-bosta l-ammont reklamat minnha*. Fir-Risposta taghha s-

[3] Dok. "X3" a fol. 7 tal-process.
[4] Dok. "A" anness mar-Risposta tas-socjetà intimata a fol. 15 tal-process.
[5] Dok. "X1" anness mar-Rikors tas-socjetà rikorrenti a fol. 5 tal-process.

socjetà rikorrenti interpellat lis-socjetà intimata thallasha s-somma ta' €4,050 rapprezentanti danni minnha subiti bhala penali[6].

Fid-19 ta' Novembru 2010 is-socjetà intimata pprezentat rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju fil-konfront tas-socjetà rikorrenti ghall-valur ta' €1,709.19 u kontestwalment ipprezentat talba quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ghall-hlas tas-somma kawtelata bil-Mandat[7]. Ir-Rikors tas-socjetà intimata gie milqugh u fit-22 ta' Novembru 2010 inhareg Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3953/10 fil-konfront tas-socjetà rikorrenti.

Fit-3 ta' Dicembru 2010 is-socjetà rikorrenti pprezentat ir-Rikors odjern fejn titlob ir-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju ottenut kontra taghha mis-socjetà intimata u li s-socjetà intimata tigi kkundannata thallas penali.

It-talba ghar-revoka tal-Mandat hija bbazata fuq l-Artikolu 836(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u senjatament is-subparagrafi (b),(d) u (f), u cioè li: (a) wahda mill-htigiet tal-Ligi ghall-hrug ta' l-att kawtelatorju imsemmi ma ghadhiex fil-fatt tezisti – Artikolu 836(1)(b); u/jew (b) l-ammont mitlub mhux *prima facie* dovut – Artikolu 836(1)(d); u/jew (c) fic-cirkostanzi ma huwiex ragonevoli li l-Mandat imsemmi jinzamm fis-sehh – Artikolu 836(1)(f).

Nonostante d-diversi subparagrafi ta' l-Artikolu 836(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta citati mis-socjetà rikorrenti in sostenn tat-talba taghha, it-talba ghar-revoka tal-Mandat essenzjalment tirrivolvi madwar il-kontestazzjoni li hi ma ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjetà intimata stante li *kull negozju u/jew kontrattazzjoni li d-ditta ezekutanta wettqet dwar il-kwestjoni minnha deskritta (trasport ta' merkanzija bil-bahar mic-Cina versu Malta) giet kondotta mas-socjetà Avantgarde <u>Holdings</u> Limited li ghandha n-numru ta' registrazzjoni <u>C-27163</u> illi, naturalment, hija entità guridika separata u distinta minn*

---

[6] Risposta tas-socjetà rikorrenti ghall-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, Dok. "X2" a fol. 6 tal-process.
[7] Dok. "APL5" a fol. 55 sa' 57 tal-process.

*Avantgarde* Projects *Limited*[8]. Is-socjetà rikorrenti tikkontendi li s-semplici fatt li c-*cheque* li bih thallset il-fattura tas-socjetà intimata - Dok. "X3" a fol. 7 tal-process –, liema *cheque* ma giex onorat, inhareg mill-kont taghha, b'daqshekk ma jfissirx li *s-socjetà ezekutata assumiet l-obbligi kontrattwali tas-socjetà Avantgarde Holdings Limited li maghha kkontrattat is-socjetà ezekutanta jew inkella li saret novazzjoni jew ghax hemm xi forma ta' fideussjoni. Del resto, hu provdut fl-Artikolu 1148 tal-Kodici Civili li n-nuqqas ta' hlas tad-debitur tista' tirrimedja ghalih terza persuna, sew jekk din il-persuna jkollha interess sew jekk le…*[9].

Il-Qorti tibda biex tosserva li huwa principju guridiku assodat illi fi proceduri ghar-revoka ta' Mandat Kawtelatorju *l-istharrig li ghandha taghmel il-Qorti huwa biss wiehed prima facie u dan ghaliex il-mertu jmissu jigi mistharreg fil-kawza proprja bejn il-partijiet. Ghalhekk … m'huwiex mehtieg li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalghu bejn il-partijiet, liema ezercizzju huwa mholli meta din il-Qorti* [fil-kaz in ezami t-Tribunal ghal Talbiet Zghar] *tisma' l-kawza…*[10].

Fid-dawl ta' dan il-principju ghalhekk il-Qorti ma hijiex ha tikkonsidra l-kwistjoni mqanqla minn Joseph Vella, rapprezentant tas-socjetà rikorrenti, waqt ix-xhieda tieghu ossia li allegatament il-merkanzija waslet Malta tard bil-konsegwenza li s-socjetà rikorrenti inkorriet f'penali u b'hekk soffriet danni. Din il-kwistjoni hi kjarament marbuta mal-mertu u ghalhekk ghandha tigi kkunsidrata mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar.

Li trid tiddetermina din il-Qorti huwa jekk hemmx raguni valida, imsejsa fuq wiehed jew iktar mis-subparagrafi ta' l-Artikolu 836(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta citati mis-socjetà rikorrenti, li twassal ghar-revoka tal-Mandat ta'

---

8 Para. 5 tar-Rikors tas-socjetà rikorrenti.

9 Para. 7 tar-Riskos tas-socjetà rikorrenti.

10 **Desmond Stanley Stewart v. Therese Mangion Galea, Rikors Nru. 336/05**, deciz mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Lulju 2005; **L-Avukat Dottor Tonio Fenech noe et v. L-Avukat Dottor Patrick Spiteri pro et noe, Rikors Nru. 746/01**, deciz mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Awissu 2001; **Visa Investments Limited v. Blye Engineering Limited, Rikors Nru. 2520/00**, deciz mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Frar 2001.

Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3953/10 ottenut mis-socjetà intimata fil-konfront tas-socjetà rikorrenti.

L-ewwel raguni moghtija mis-socjetà rikorrenti ghar-revoka tal-Mandat hija li wahda mill-htigiet tal-Ligi ghall-hrug ta' l-att kawtelatorju ma ghadhiex fil-fatt tezisti u addirittura qatt ma ezistiet – Artikolu 836(1)(b) tal-Kap.12.

Il-htigiet li l-ligi procedurali titlob sabiex persuna tottjeni l-hrug ta' Mandat Kawtelatorju huma: (a) li jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinhareg il-mandat; (b) li ssir kawza li fiha tigi mistharrga sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt; (c) li l-Mandat irid ikun ihares ir-rekwiziti mitluba mil-ligi dwar il-hrug tieghu; u (d) li tali Mandat jinhareg u jigi esegwit taht ir-responsabbiltà tal-persuna li tkun talbitu[11].

Fil-kaz in ezami s-socjetà rikorrenti tikkontendi li s-socjetà intimata ma ghandhiex pretensjoni ta' dritt fil-konfront taghha ghaliex bejnha u l-istess socjetà intimata ma hemm ebda relazzjoni guridika. Ir-relazzjoni guridika se mai tezisti bejn is-socjetà Avantgarde Holdings Limited u s-socjetà intimata u hija din is-socjetà li hi l-legittimu kontradittur tas-socjetà intimata.

F'dan l-istadju hu opportun li jigi osservat illi *l-kwestjoni dwar il-legittimu kontradittur ma tistax tigi ezaminata fid-dettal u b'mod estensiv, peress li din il-kwestjoni essenzjalment tappartjeni ghal meritu tal-kwestjoni bejn il-partijiet. L-ezami li ghandu jsir f'dan ir-rigward hu jekk hemmx ghall-inqas prova li mad-daqqa t'ghajn teskludi li hemm relazzjoni guridika bejn il-partijiet[12].*

Huwa fatt inkontestat illi s-servizz ta' trasport gie rez fir-rigward ta' merkanzija ordnata mis-socjetà Avantgarde Holdings Limited u huwa fatt daqstant iehor inkontestat li

---

11 **Therese Mangion Galea v. Desmond Stanley Stewart, Rikors Nru. 336/05**, deciz mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Lulju 2005.

12 **L-Avukat Dottor Tonio Fenech noe et v. L-Avukat Dottor Patrick Spiteri pro et noe, Rikors Nru. 746/01**, deciz mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Awissu 2001; **Avv. Carmelo Castelli noe v. Focal Maritime Services Limited et noe, Rikors Nru. 1614/01**, deciz mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' April 2002.

l-hlas relattiv ghal tali servizz ta' trasport – ossia l-hlas tas-somma ta' €1,709.19 – gie offert b'*cheque* mahrug mill-kont tas-socjetà rikorrenti.

Ghalkemm huwa minnu li kulhadd jista' jhallas id-dejn ta' haddiehor u l-kreditur ma jistax jirrifjuta tali offerta ghall-hlas u li l-hrug ta' *cheque* ma jikkostitwixxix l-ghoti ta' garanzija u lanqas huwa prova wahedha li l-pagatur accetta li d-debitu jkun tieghu[13], huwa daqstant veru wkoll li *l-emmissjoni ta' cheque hi prova dokumentali ta' l-element kostitutiv tar-rapport u jikkreja, in materja, il-presunzjoni legali relattiv tat-titolarità tad-dritt stabbilit f'dan id-dokumenti (ic-cheque) ghaf-favur tal-persuna legittimata. Dan ghaliex, kif deciz, "ic-cheque … intrinsikament mhuwiex hag'ohra hlief dokument ta' kreditu (credit document – documento rappresentante un credito presso una banca") (Kollezz. Vol. XLVI PII p600). F'idejn il-pussessur ic-cheque ghandu l-vantagg konsimili ghal dak li ghandu titolu kambjarju…*[14].
B'hekk is-socjetà rikorrenti ma hijiex ghal kollox korretta fil-pretensjoni taghha li ghalkemm inhareg ic-*cheque* mill-kont taghha li assolutament ma ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjetà intimata. X'kienet ir-raguni ghalfejn inhareg ic-*cheque* mill-kont tas-socjetà rikorrenti - kenitx semplici decizjoni interna taz-zewg kumpanniji, delega mis-socjetà Avantgarde Holdings Limited lis-socjetà rikorrenti jew assunzjoni tad-dejn tas-socjetà Avantgarde Holdings Limited fil-konfront tas-socjetà intimata da parte tas-socjetà rikorrenti jew kienx hemm skop ulterjuri – hija kwistjoni li trid tigi mistharrga fil-mertu u mhux f'dan l-istadju ta' *prima facie*. Dak li jirrizulta *prima facie* hu li bl-emmissjoni tac-*cheque* mill-kont tas-socjetà rikorrenti hemm *prova dokumentali ta' l-element kostitutiv tar-rapport u jikkreja, in materja, il-presunzjoni legali relattiv tat-titolarità tad-dritt stabbilit f'dan id-dokumenti (ic-cheque) ghaf-favur tal-persuna legittimata*. B'hekk kontra dak pretiz mis-socjetà rikorrenti, fuq bazi *prima facie*

[13] **J. & C. Pisani Limited v. Nicholsons The Supermarket Limited et, Citaz. Nru. 1499/01** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru 2003.
[14] **Anthony Borg et v. Anthony Willoughby et, Citaz. Nru. 1792/99**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Marzu 2005 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Ottubru 2007.

jirrizulta li s-socjetà intimata ghandha pretensjoni ta' dritt fil-konfront taghha.

Mid-dibattitu orali rrizulta li s-socjetà rikorrenti tikkontendi li bil-mod kif giet impostata l-azzjoni tas-socjetà intimata quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar, din qatt ma tista' tirnexxi fil-konfront taghha ghaliex ma kienitx hi li inkarigatha u b'hekk uzufruwiet mis-servizz ta' trasport. Is-socjetà rikorrenti tippretendi ghalhekk li ma saretx id-debita azzjoni ta' stharrig ta' pretensjoni ta' dritt li jista' ghandha s-socjetà intimata.

Hawn ukoll però l-Qorti hi tal-fehma li s-socjetà rikorrenti ma hijiex korretta ghaliex kif già inghad, l-indagini akkurata ta' l-involviment taghha fil-kwistjoni trid issir biss fil-mertu u fuq bazi *prima facie*, bil-prezentata ta' l-azzjoni quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar gie li saret kawza li fiha giet mistharrga l-pretensjoni ta' dritt tas-socjetà intimata fil-konfront tas-socjetà rikorrenti.

Din l-osservazzjoni hija ulterjorment rafforzata mill-fatt li fid-dawl tat-tielet eccezzjoni tas-socjetà rikorrenti[15] s-socjetà intimata talbet il-kjamata fil-kawza tas-socjetà Avantgarde Holdings Limited[16].

Ta' min jghid ukoll li in bazi ghall-principju ta' l-ekwità li huwa insitu fil-kreazzjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar u fid-dawl li *l-hsieb tal-legislatur li f'kazijiet b'talbiet zghar quddiem tribunal specjali, mahluq ad hoc, dan l-istess Tribunal jimxi bi speditezza, bl-inqas formalizmu possibbli, minghajr naturalment ma jikser id-disposizzjonijiet tal-ligi li holqitu*[17]*,* it-Tribunal mhux marbut mal-kawzali kif espressament dedotta fl-Avviz tat-Talba izda jekk mill-atti processwali jirrizultalu xi jedd iehor li jikkompeti lill-parti attrici hu fakoltizzat li jiddeciedi dwaru.

Il-htigiet l-ohra rikjesti mill-Ligi sabiex Mandat kawtelatorju jibqa' fis-sehh huma li il-Mandat ikun ihares ir-rekwiziti

---

[15] Fol. 59 tal-process.
[16] Dok. "APL7" a fol. 62 tal-process.
[17] **Grobett Holdings Limited v. Steve Abela et pro et noe, Appell Civili 1942/02**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Ottubru 2005.

mitluba mil-ligi dwar il-hrug tieghu u li jinhareg u jigi esegwit taht ir-responsabbiltà tal-persuna li tkun talbitu. Dawn iz-zewg rekwiziti mhux qed jigu kontestati mis-socjetà rikorrenti u fi kwalunkwe kaz fil-fehma tal-Qorti jinsabu pjenament sodisfatti u ghaldaqstant ma hemmx il-htiega li issir konsiderazzjoni ulterjuri dwarhom.

Ghalhekk it-talba ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3953/2010 in bazi ghall-Artikolu 836(1)(b) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, ma tistax tigi milqugha.

In aggunta jew alternattivament, izda dejjem fuq l-istess premessa ta' nuqqas ta' relazzjoni guridika mas-socjetà intimata, is-socjetà rikorrenti titlob ir-revoka tal-Mandat in bazi ghall-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ossia ghaliex l-ammont kawtelat bil-Mandat ma huwiex *prima facie* gustifikat.

Kif osservat fis-sentenza fl-ismijiet **Therese Mangion Galea v. Desmond Stanley Stewart, Rikors Nru. 336/05**, deciz mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Lulju 2005, *il-kejl li ghandu jittiehed biex jitqies it-thassir ta' Mandat kawtelatorju taht din ir-ras* [l-Artikolu 836(1)(d)] *huwa wiehed li jorbot il-kawzali ta' l-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrent ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma ohra ta' dritt jissejjah il-'fumus juris' tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex 'jillikwida' tali pretensjoni f'somma li taqbel ma' l-ammont minnu mahluf fil-Mandat. Wiehed m'ghandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m'ghandux jigi mfixkel jew imwarrab b'leggerezza, u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti …*.

Li s-socjetà intimata ghandha *prima facie* pretensjoni ta' dritt fil-konfront tas-socjetà rikorrenti jirrizulta. Li s-socjetà intimata llikwidat l-pretensjoni taghha b'azzjoni quddiem it-

Tribunal kompetenti jirrizulta wkoll. Jirrizulta anke li l-ammont pretiz bl-azzjoni quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar huwa l-istess ammont kawtelat bil-Mandat Kawtelatorju mahrug kontra s-socjetà rikorrenti. B'hekk minn dak li jirrizulta certament ma jistax jinghad li l-ammont kawtelat mis-socjetà intimata bil-Mandat ottenut kontra s-socjetà rikorrenti ma huwiex *prima facie* gustifikat.

Ghaldaqstant, it-talba ghar-revokat tal-Mandat Kawtelatorju in kwistjoni in bazi ghall-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha tigi michuda.

In fine s-socjetà rikorrenti titlob ir-revoka tal-Mandat in kwistjoni in bazi ghall-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ossia li fic-cirkostanzi mhux ragonevoli li l-mandat jinzamm fis-sehh ghaliex ma huwiex gustifikat dejjem ghaliex bejn is-socjetà intimata u s-socjetà rikorrenti ma hemm ebda relazzjoni guridika[18].

F'dan ir-rigward il-Qorti mill-gdid ittenni li l-ezami li trid taghmel huwa wiehed prettament *prima facie* billi l-ezami fil-mertu ma huwiex wiehed mill-kriterji li fuqhom ghandha tibbaza l-konsiderazzjonijiet taghha fi procedura ta' din in-natura. Kif inghad fis-sentenza **Mangion Galea v. Stewart** appena citata, *biex il-Qorti tista' tqis jekk hijiex misthoqqa jew le, il-pretensjoni ta' ragonevolezza li l-Mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh trid tirrizulta minghajr ma ssir indagini fil-mertu*.

Minn dak kollu iktar 'l fuq osservat il-Qorti hi tal-fehma li *prima facie* jirrizulta li l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju ottenut mis-socjetà intimata fil-konfront tas-socjetà rikorrenti kien u ghadu gustifikat biex tikkawtela d-drittijiet taghha u huwa ragonevoli li jinzamm fis-sehh sakemm il-kwistjoni tigi determinata fil-mertu.

Anke jekk it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar kellu jasal ghall-konkluzzjoni li s-socjetà intimata ma ghandha tithallas xejn mis-socjetà rikorrenti, xorta wahda ma jistghax

---

18 Para. 13 tar-Rikors tas-socjetà rikorrenti.

jinghad illi l-Mandat in kwistjoni ma huwiex gustifikat. Kif inghad fis-sentenza **Mangion Galea v. Stewart** *is-success jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nhareg b'mod vessatorju jew fieragh … il-kwestjoni ta' jekk huwiex regonevoli li Mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh jew jekk huwiex mehtieg jew gustifikabbli li tali Mandat jinzam fis-sehh ma tiddependi xejn minn cahda tal-kawzali fil-mertu.*

Din l-istess osservazzjoni giet enucjata wkoll fis-sentenza fl-ismijiet **Visa Investments Limited v. Blye Engineering Limited, Rikors Nru. 2520/00**, deciz mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Frar 2001, fejn inghat *anke jekk fl-istess kawza tali eccezzjonijiet tas-socjetà rikorrenti jigu milqugha kollha jew in parte, xorta ma jwaslux ghall-konkluzjoni li l-pretensjoni tas-socjetà intimata vantata minnhom fil-mandat premess ma tezistix prima facie f'dan l-istadju. Kieku kien mod iehor qatt ma jista' jinhareg mandat kawtelatorju, ghaliex l-ezistenza jew il-konsistenza ta' kull pretensjoni tigi biss finalment determinata bis-sentenza li tghaddi in gudikat, u certament li dan imur kontra r-raison d'etre tal-Mandat Kawtelatorju, ibbazata fuq il-principju ta' l-ezistenza prima facie ta' dritt li ghandu jigi kawtelat*.

In bazi ghal dawn il-motivi ghalhekk it-talba tas-socjetà rikorrenti ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3953/10 ibbazata fuq l-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta wkoll ma ghandhiex tigi milqugha.

Fix-xhieda tieghu Joseph Vella, rapprezentant tas-socjetà rikorrenti, fisser il-pregudizzju li s-socjetà rikorrent qed issofri minhabba l-Mandat in kwistjoni. Izda, tali pregudizzju, anke jekk realment subit mis-socjetà rikorrenti, ma jistax iwassal ghar-revoka tal-Mandat ghaliex *il-pretensjoni li l-mandat in kwestjoni hu ta' pregudizzju lill-rikorrenti mhux raguni valida ghala l-mandat ghandu jigi revokat*[19].

---

[19] **Taormina Holdings Limited v. Biochemicals International Limited, Rik. Nru. 715/03**, deciz mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fi30 ta' Ottubru 2003.

Apparte r-revoka tal-Mandat is-socjetà rikorrenti titlob ukoll li tigi imposta fuq is-socjetà intimata penali a tenur ta' l-Artikolu 836(8) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex: (a) *ic-cirkostanzi tas-socjetà ezekutata kienu u huma tali li ma jaghtux lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidità u l-kapacità finanzjarja taghha, u tali qaghda kienet u hi maghrufa sew* – Artikolu 836(8)(c) tal-Kap.12; u ghaliex (b) *it-talba tad-ditta ezekutanta keient u hija wahda li saret b'inkurja u frivolozament. Il-persistenza taghha li tkompli zzomm dan l-att fis-sehh twassal lill-istess kupannija ezekutanta li tiskonfina fil-malizija u fil-vessatorjetà* – Artikolu 836(8)(d) tal-Kap.12[20].

Ghalkemm it-talba tas-socjetà rikorrenti ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3953/10 ma tisthoqqx li tigi milqugha taht ebda wiehed mill-kapi ta' l-Artikolu 836 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta citati mis-socjetà rikorrenti, il-Qorti xorta wahda ser tikkonsidra t-talba ghall-imposizzjoni tal-penali in kwantu tali rimedju jista' jintalab kemm jekk il-mandat kawtelatorju ikun ghadu fis-sehh kif ukoll jekk ikun gie imhassar[21].

Fil-fehma tal-Qorti l-fatti li jirrizultaw mill-atti processwali bl-ebda mod ma jissosstanzjaw ir-ragunijiet in bazi ghal liema s-socjetà rikorrenti tippretendi li ghandha tigi imposta penali fuq is-socjetà intimata.

Is-socjetà intimata agixxiet in bazi ghal dak certament maghruf lilha u cioè li gie offert hlas tas-somma ta' €1,709.19 b'*cheque* li però ma giex onorat, u dana minkejja li gie pprezentat il-bank aktar minn darba. Ladarba dan ic-*cheque* ma giex onorat u kull darba li gie depozitat il-bank gie ritornat *referred to drawer* zgur ma jistax jinghad li c-cirkostanzi tas-socjetà rikorrenti kienu u huma tali li ma jaghtux lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidità u l-kapacità finanzjarja taghha.

Apparte dan is-socjetà intimata baqghet tigi mweghda hlas izda dan ma sarx u s-socjetà rikorrenti qatt ma

---

[20] Para. 14(a) u (b) tar-Rikors tas-socjetà rikorrenti, fol. 3 u 4 tal-process.

[21] **Paul Attard noe v. Loreto Abela et, Citaz. Nru. 1934/97**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Mejju 2005.

inharget mix-xena wara li c-*cheque* taghha baqa' ma giex onorat u allura zgur ma jistax jinghad li l-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju fil-konfront tas-socjetà rikorrenti sar b'malizzja jew b'inkurja u li hu frivolu.

Ghalhekk it-talba ghall-imposizzjoni ta' penali ai termini ta' l-Artikolu 836(8) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta fuq is-socjetà intimata ma ghandhiex tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda tipprovdi dwar ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà rikorrenti fit-3 ta' Dicembru 2010 billi tichad it-talba ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3953/10 fl-ismijiet "Carmelo Caruana Company Ltd. v. Avantgarde Proejcts Limited" u billi tichad ukoll it-talba ghall-imposizzjoni ta' penali fuq is-socjetà intimata ai termini ta' l-Artikolu 836(8) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tas-socjetà rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------